**21 ta' Lulju**

**Tifkira ta'**

S. LAWRENZ TA' BRINDISI,

SAĊERDOT U DUTTUR TAL-KNISJA

Twieled fl-1559; daħal mal-Patrijiet Kapuċċini u, barra minn ħafna dmirijiet oħra, għallem it-teoloġija lil ħutu r-reliġjużi. Ġera l-Ewropa kollha jippriedka bla heda: kelmtu kienet tqanqal. Kiteb ukoll bosta kotba biex ifisser dejjem aħjar il-fidi. Miet f'Lisboa fl-1619.

Mill-Komun tar-rgħajja ta' l-erwieħ... jew tad-dutturi tal-Knisja...

Talba

O Alla, int tajt l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa lis-saċerdot San Lawrenz ta' Brindisi, biex jaħdem għall-glorja ta' ismek u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ; bit-talb tiegħu, agħti lilna wkoll dan l-ispirtu, biex nagħrfu tajjeb x'għandna nagħmlu, u nagħmluh sewwa kif għandu jsir. B'Ibnek.